**KUNSILL LOKALI SANTA VENERA**

**SANTA VENERA LOCAL COUNCIL**

42/19

**It-tnejn u erbgħin (42) laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Venera li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, nhar it-13 ta' Lulju, 2015 fis-6.30 ta' filgħaxija.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Preżenti:** | Is-Sur Stephen Sultana | - | Sindku |
| | Is-Sur Jonathan Brimmer | - | Viċi Sindku |
| | Is-Sur Silvio Vella | - | Kunsillier |
| | Is-Sinj. Elizabeth Vella | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Jason Mangani | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Horace Anastasi | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Darren Carabott | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Michael Mifsud | - | Segretarju Eżekuttiv |
| | Gianluca Falzon | - | Ambaxxatur taż-Żgħażagħ |

**Aġenda:**

1. Talba
2. Qari w approvazzjoni tal-minuti
3. Affarijiet li jitqajjmu mill-minuti
4. Korrispondenza
5. Skeda ta' pagamenti: Approvazzjoni
6. Ilmenti
7. Ordnijiet tal-ġurnata
8. Minuti ta' Kumitati / Sotto Kumitati
9. Komunikazzjonijiet mis-Sindku
10. Aġġornament

Il-laqgħa bdiet fis-6.35 ta' filgħaxija.

2. *Qari u Approvazzjoni tal-Minuti*

2.1 Il-Minuti 41/19 ttieħdu bħala moqrija

2.2 **Korrezzjoni tal-Minuti**

Ma kien hemm l-ebda korrezzjoni fil-minuti

3. **Affarijiet li jitqajjmu mill-minuti**

3.1 **Minuta 3.2 -** Is-Sindku nforma lill-membri li l-aħħar żjara tat-*Twinning Project* li jmiss ser ikun f'Kastoria l-Greċja bejn l-19 ta' Lulju 2015 u 23 ta' Lulju 2015u din id-delegazzjoni ser tkun immexxija mill-Kunsillier s-Sur Jason Mangani.

3.2 **Minuta 7 (ii)** - Is-Sindku nforma lill-membri li l-laqgħa mar-residenti dwar il-ħatt tal-containers saret u ħalliet riżultati pożittivi. Waqt din il-laqgħa ġie iċċarat mar-residenti li l-permessi tal-ħatt ma jinħarġux mill-Kunsill iżda mill-pulizija. Apparti minn hekk kemm il-Kunsill u kif ukoll il-pulizija ġejna notifikati kemm kif uħud mill-operaturi qed jagħmlu l-ħatt tal-containers mingħajr ma jkollhom il-permessi meħtieġa. Dan l-abbuż qiegħed isir minn diversi kumpaniji f'diversi toroq ġewwa Santa Venera. F'dan ir-rigward is-Sindku ppropona sabiex fit-28 ta' Lulju 2015 fis-6.30 ta' filgħaxija ssir laqgħa pubblika mal-operaturi fil-preżenza tal-pulizija. Din id-data stabbilita trid tkun konfermata mill-pulizija.

3.3 **Minuta 7 (iv)** – Is-Sindku nforma lill-membri li qiegħed jipproponi sabiex issir laqgħa pubblika mar-residenti li joqgħodu fi Triq il-Fawwara viċin ta' dar Thourat. Is-Sindku ssuġġerixxa li din il-laqgħa għandha ssir fit-30 ta' Lulju fis-6.00 ta' filgħaxija fil-preżenza tal-pulizija. Din id-data stabbilita trid tkun konfermata mill-pulizija.

3.4 Minuta 9.1 – Is-Sindku nforma lill-membri lit-*traffic management system* ta' Triq ix-Xarretta u Triq il-Kaless sabiex dawn it-toroq isiru *one way* waħda kontra l-oħra saret. Is-Sindku nforma lill-membri li l-pass li jmiss hu li ninfurmaw lir-residenti b'dan it-tibdil b'permezz ta' ittra bil-pjanta ta' kif qed jiġi propost it-tibdil.

Is-Sur Horace Anastasi ssuġġerixxa li anke Triq Galanton Vassallo għandha ssir *one way* ukoll.

4. **Korrispondenza**

4.1 Is-Sindku nforma lill-membri dwar il-programm 'Aqra Miegħi/Read with me' li hu mmexxi mill-Ministeru tal-Edukazzjoni u ċ-Ċentru tal-Litteriżmu tal-Università ta'

Malta b'kollaborazzjoni tal-Malta Libraries. Dan il-programm ta' qari ta' stejjer u kant ta' taqbiliet hu mmirat għat-trabi u tfal sa tlett snin u hu bla ħlas. L-għan tal-programm hu li jkebbes l-imħabba għall-qari fost it-tfal minn età bikrija permess ta' logħob u attivitajiet mimlijin gost flimkien mal-ġenituri/carers tagħhom. Is-Sindku ssuġġerixxa li dan jista' jsir fil-bini Amministrattiv tal-Kunsill kull nhar ta' Sibt filgħodu. Wara diskussjoni ġie deċiż sabiex jinxtara tapit adekwat sabiex jintuża għal dan il-għan.

Il-Membri qablu unanimament.

4.2 Is-Sindku nforma lill-membri dwar Memo 16/2015 dwar il-Migrazzjoni għall-akkwist elettroniku fejn il-Kunsill qiegħed jiġi mitlub sabiex jibgħat lista li b'xi mod ser ikunu involuti fil-proċess ras-sejħiet għal offerti. Is-Sindku rrimarka li din mhix ċara fuq min għandu jattendi għal dan il-kors u għaldaqstant talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jibgħat lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali sabiex b'hekk ikollna kjarifika fuq min huwa obbligat li jattendi għal dan il-kors. Il-Kunsill irid iħallas €17 għal kull persuna li tattendi.

Il-Membri qablu unanimament.

4.3 Is-Sindku ppreżenta fuq il-mejda tal-kamra kwotazzjoni għad-DVR. Wara diskussjoni kien hemm qbil sabiex tinstab WO simili li kienet inħarġet bejn is-snin 2010 u 2013 għal CCTVs fil-ġnien Romeo Romano.

## 5 Skeda ta' pagamenti: Approvazzjoni

5.1 Il-pagamenti flimkien mal-petty cash ġew diskussi w approvati unanimament mill-membri kollha.

## 6 Ilmenti

Il-Kunsill iddiskuta l-ilmenti li hemm pendenti fis-sistema minn numru 734 sa lment numru 739.

| | |
|---|---|
| 734 | Ix-xogħol isir waqt li jkun beda il-proġett tal-Palazz l-Aħmar |
| 735 | Tinħareġ Work Order |
| 736 | Azzjoni ttieħdet |
| 737 | Issir applikazzjoni mal-Enemalta |
| 738 | Ħaddiema Assenjati |
| 739 | Ħaddiema Assenjati |

* Is-Sur Darren Carabott żied jgħid li l-filmat tas-CCTV għandu jiġi rrekordjat gewwa l-Kunsill sabiex ikun aktar accessibbli. F'dan l-istadju is-Sur Anastasi rrimarka li sefgħa jaħdmu s-sistema wellna tintrapora dan dejjem. Is-Sindku sostna li jrid jiccekkja mal-WO pressjoni.

Is-Sur Silvio Vella ġibed l-attenzjoni li f'ċertu postijiet madwar Santa Venera hemm bżonn li jitwaħħlu CCTV Cameras. Infatti s-Sur Vella rrimarka li dawn għandhom isiru fi ġnien Romeo Romano u fil-*playing field* ta' Guze Flores. Is-Sur Darren Carabott qabel mal-proposta tas-Sur Silvo Vella.* Is-Sindku żied li diġà kien hemm qbil f'laqgħat preċidenti sabiex isiru CCTVs wkoll fuq il-pont ta' Triq Reġjonali. Is-Sindku talab sabiex ikollna ndikazzjoni ta' kemm jiswew dawn is- CCTVs.

**7. Ordnijiet tal-ġurnata**

F'din il-laqgħa ma kien hemm ordnijiet tal-ġurnata.

**8. Minuti ta' Kumitati / Sotto Kumitati**

Ġie ppreżentat ir-rapport tat-Twinning li sar ġewwa Calabria l-Italja mill-24 ta' Ġunju 2015 sas-27 ta' Ġunju 2015.

**9. Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

9.1 Is-Sindku nforma lill-membri sabiex nhar il-Festa ta' Santa Venera u l-għada tal-festa irid jinħasel bil-*powerwash* iz-zuntier tal-Knisja. Għaldaqstant Is-Sindku ppropona li dan għandu jsir il-Ħadd 26 ta' Lulju fl-4.00 ta' filgħodu u it-Tnejn 27 ta' Lulju filgħodu.

Il-Membri qablu unanimament.

9.2 Is-Sindku ppreżenta fuq il-mejda tal-kamra pjanta maħruġa minn TM dwar il-pjan ta' manutezzjoni li ser isir fi Triq il-Kanun, Santa Venera. Is-Sindku rrimarka li fil-pjan jidher ċar li ser jiżdiedu il-parking bays.

Il-Membri qablu unanimament li dan il-proġett għandu jgħaddi għand il-perit tagħna.

9.3 Is-Sindku nforma lill-membri tal-Kunsill li l-Kors tal-iKids immexxi mit-TCTC beda fis-7 ta' Lulju u jibqa' sejjer sas-7 t'Awwissu.

Apparti minn hekk is-Sindku nforma lill-membri li l-Kunsill irċieva konferma li l-Kunsill intgħażel sabiex issiru lezzjonijiet tal-Malti tal-*Life Long Learning*. Liema lezzjonijiet ser jibdew isir is-Sibt bejn it-8.00 u l-10.00 ta' filgħodu.

9.4 Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li irċieva talba mingħand is-Sinjorina Rebecca Nappa amministratriċi fil-childcare centre Arzella sabiex issir *parking bay* bil-ħinijiet għall-

*Drop Off* u *Pick Up*. Il-ħin issuġġerit huwa bejn is-7.00am u 09.00am u bejn 12.00pm u 14.30pm.

Il-Membri qablu unanimament

**10 Aġġornament**

L-aġġornament tal-laqgħa ġie iffissat għal nhar it-Tnejn 17 t'Awwissu, 2015 fis-6.30 ta' filgħaxija b'aġenda li tkun ikkomunikata aktar tard.

Il-laqgħa ntemmet fit-8.45 ta' filgħaxija.

Stephen Sultana
Sindku

Michael Mifsud
Segretarju Eżekuttiv

Ikkonfermati llum: